# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 276/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charlot Calleja**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Charlot Calleja**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 192782(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-14 ta' Settembru 2005 ġewwa Triq San Mikiel, Marsa:

1. ikkommetta serq ta' Stereo tal-marka Kenwood u diversi CD's minn ġo vettura tal-għamla Peugeot 206 bin-numru tar-reġistrazzjoni DBG 602, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Amanda Randich;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè fuq vettura tal-marka Peugeot 206 bin-numru tar-reġistrazzjoni DBG 602, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma hija iżjed minn mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għad-detriment ta' Amanda Randich;

3. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar 2015 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 95, 261, 289 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u poġġietu taħt Ordni ta' *Probation ai termini* ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u dan taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fid-digriet anness mas-sentenza. Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Uffiċju tal-*Probation* u l-*Parole* u dan bil-għan illi possibilment tiġi nominata l-istess Uffiċjal tal-*Probation* u ċioè Carmen Nygaard sabiex tkompli tieħu ħsieb lill-imputat li diġa' kien jinsab taħt id-direzzjoni tagħha bil-għan li l-imputat jinżamm il-bogħod mill-ħajja ta' kriminalita' u tgħinu fil-problemi li hu għandu f'ħajtu.

Rat illi fil-21 ta' April 2017 l-Uffiċjal tal-*Probation* Carmen Nygaard ippreżentat Rikors (*a fol.* 41) ta' denunzja *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fiha nfurmat lill-Ewwel Qorti li hija kienet ġiet appuntata Uffiċjal tal-*Probation* tal-imputat u li l-imputat kien naqas li jżomm ruħu f'kuntatt magħha u mal-Uffiċju skont id-direttivi mogħtija lilu u naqas milli joqgħod għad-direttivi mogħtija lilu minnha sabiex huwa jieħu l-kura meħtieġa minħabba l-vizzju tad-droga u b'hekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ħassitha fid-dmir li tattira l-attenzjoni tal-Qorti għal dan il-fatt sabiex tieħu dawk il-miżuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Ġunju 2018 fejn il-Qorti, wara li qieset li l-imputat huwa reċidiv u ma segwiex l-Ordni tal-*Probation* mogħtija lilu u li għalhekk kellha titratta mill-ġdid miegħu għall-imputazzjonijiet li kienet diġa' sabitu ħati tagħhom fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 2015 u dan billi tapplika Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(b), 261(g), 278(2), 289, 325(1)(a) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu sentejn priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat f'Ġunju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza u minflok ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi u tilliberah minnhom."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat illi b'digriet mogħti fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2022 (*a fol.* 149) din il-Qorti diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fl-20 ta' April 2023 (*a fol.* 199), fil-11 ta' Mejju 2023 (*a fol.* 199a) u fl-4 ta' Lulju 2023 (*a fol.* 203) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti kif preseduta li kien qed jagħlaq il-każ b'suċċess u fejn għamel ir-rakkomondazzjoni tiegħu lill-Qorti.

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fit-13 ta' Lulju 2023 (*a fol.* 204 *et seq.*) fejn fiha l-Qorti ġiet infurmata li minn riċerka li saret irriżulta li fi stadju ta' appell l-appellant kellu dan l-appell u kif ukoll appell ieħor bin-Numru

466/2018/1 li qed jinstema' quddiem din il-Qorti kif preseduta stess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Ġunju 2018 liema sentenza ġiet mogħtija wara li l-Uffiċjal tal-*Probation* Carmen Nygaard ippreżentat denunzja fil-21 ta' April 2017 *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jitlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ma ssibux ħati tal-imputazzjonijiet u tilliberah minnhom.

Illi jirriżulta li dan il-każ jirrigwarda serqa li saret ġo vettura tal-marka Peugeot 206 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG 602 dakinhar tal-14 ta' Settembru 2005. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija rriżulta li fuq il-vettura in kwistjoni nstabu xi impronti diġitali tal-appellant. Jirriżulta li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-19 ta' Jannar 2015 l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Eventwalment l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fejn poġġiet lill-appellant allura imputat taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin. Hekk kif diġà ngħad aktar 'il fuq, l-Uffiċjal tal-*Probation* ippreżentat denunzja u wara li l-Ewwel Qorti qieset il-provi li kellha quddiemha fejn ingħad li l-appellant allura imputat ma kienx segwa l-Ordni tal-*Probation*, għalhekk trattat mill-ġdid miegħu għall-imputazzjonijiet li kienet diġà sabitu ħati tagħhom u għalhekk ikkundannatu sentejn priġunerija.

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 96):

> "Illi minn eżami tax-xhieda mismugħa jirriżulta illi minkejja li l-imputat ingħata ċans sabiex jirriforma ruħu u jindirizza l-problemi tiegħu ta' abbuż tad-droga u ta' vjolenza domestika, huwa naqas li jużufruwixxi ruħu minn din I-opportunita', u minkejja li din il-Qorti tat żmien xieraq sabiex jibda ħajja ġdida, dan naqas li jagħmel dan, tant li llum il-Qorti hija affaċċjata b'denunzja minn Uffiċjal tal-*Probation* dwar reati li seħħew fis-sena 2005. Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva, bil-għan li forsi ibiddel fehmtu u jindirizza l-problema li huwa għandu ta' abbuż tad-droga waqt li huwa qiegħed detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jargumenta li kien għaddej minn mument dipressiv u li kellu l-inkwiet mal-*partner* tiegħu fir-rigward ta' vjolenza domestika. Jisħaq li minn dak iż-żmien huwa reġa' rranġa mal-*partner* tiegħu, qed jgħix ħajja l-bogħod mid-droga u li kellu wkoll tarbija.

Illi mingħajr tlaqlieq ta' xejn din il-Qorti tinnota li l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni valida għaliex din il-Qorti għandha tilliberah mill-imputazzjonijiet addebitati lilu u dana wara li huwa rreġistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti u ngħatat l-ewwel sentenza. Għaldaqstant l-argument imressaq mill-appellant f'dan ir-rigward qed ikun miċħud. Għal kull buon fini din il-Qorti tinnota li l-piena ta' sentejn priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata (u ċioè dik li ngħatat wara li kien tressqet denunzja mill-Uffiċjal tal-*Probation*) taqa' fil-parametri tal-liġi fir-rigward tal-imputazzjonijiet li huwa kien oriġinarjament instab ħati tagħhom fit-22 ta' Jannar 2015.

Illi minkejja dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tinnota li, wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell tal-appellant f'dawn il-proċeduri, l-appellant talab li *ai termini* ta' Artikolu 8(1) tal-

Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti diversament preseduta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet milqugħa wara li nstemgħu xhieda fir-rigward tat-talba msemmija u fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti kif preseduta li l-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant kien qed jiġi magħluq b'suċċess bir-rakkomandazzjoni li l-appellant jibqa' f'kuntatt mal-Caritas (*a fol.* 199, 199a, u 203). Dan kollu ser jittieħed in konsiderazzjoni.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dennis Cremona** (Numru 151/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, it-talba minnu magħmula fit-termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ukoll għandha bħala l-fini tagħha mitigazzjoni fil-piena u għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi, ġialadarba issa assumiet funzjoni ta' Qorti Dwar id-Droga, għandha taqdi din il-funzjoni l-ewwel u qabel kollox, fid-dawl tal-aggravju imqanqal, kif ingħad."

Illi wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant li ġew pruvati wara li huwa kien irreġistra ammissjoni għalihom;
- il-fedina penali aġġornata tal-appellant;
- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant jirrisalu għas-sena 2005, li s-sentenza dwar id-denunzja tal-Uffiċjal tal-*Probation* Carmen Nygaard ingħatat fit-13 ta' Ġunju 2018 u għat-trapass ta' żmien li ħadu l-proċeduri odjerni sabiex jiġu konklużi llum;

- dak li jirriżulta fir-rapport tal-Caritas datat 6 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 126) redatt minn Reuben Andre' DeGabriele (*Therapeutic Facilitator*) fejn hemm imniżżel is-segwenti:

> *"Is-Sur Charlo Calleja ngħaqad fil-komunita' tal-Prison Inmate Programme fid-9 ta' Lulju ta' din is-sena 2020. Minn din id-data sa llum ittieħdulu erba' urine samples fid-dati msemmija: 19 ta' Lulju, 20 t'Awwissu, 8 u 28 ta' Settembru 2020. Kollha rriżultaw fin-negattiv għal kull sustanza illeċita.*
>
> *Kemm ilu magħna s-Sur Calleja mill-ewwel wera responsabilita' fir-rutina ta' kuljum. Ir-residenti jkollhom xogħlijiet diversi matul il-ġurnata u s-Sur Calleja ngħatalu l-irwol li jsajjar għal sħabu r-residenti. Dan ix-xogħol kien qed jagħmlu tajjeb ħafna u qed jagħmlu mill-qalb. Fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru sar head tad-dipartiment tal-maintenance. Is-Sur Calleja jogħqod ħafna attent li jagħmel xogħol sew. Taħtu għandu resident ieħor li flimkien qed jirranġaw il-kmamar tas-sodda.*
>
> *Apparti x-xogħol ta' kuljum, is-Sur Calleja qed iżomm kuntatt ta' vista darba fil-ġimgħa m'uliedu li dawn għandhom rapport tajjeb ħafna miegħu. Dawn qed isiru waħda ġewwa l-komunita' u oħra online ħabba s-sitwazzjoni tal-covid.*
>
> *Is-Sur Calleja qed juża l-għodda tal-programm b'mod pożittiv, sew biex jikber hu personali u saħansitra qed jagħmel kuraġġ lir-residenti l-oħra li minn ħin għal ieħor jaqtgħu qalbhom ikomplu l-programm";*

- dak li jirriżulta fir-rapport tal-Caritas datat 19 ta' Diċembru 2022 (*a fol.* 166) redatt minn Anthony Gatt (Direttur ta' Caritas Malta) u dak li jirriżulta mir-rapport anness miegħu li ġie redatt minn Maria Caruana (*a fol.* 167 *et seq.*);

- dak li jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta minn Dr. Moses Camilleri (*a fol.* 141 *et seq.* ta' Appell Numru 466/2018/1), mill-Uffiċjal tal-*Probation* Carmen Nygaard (*a fol.* 145 *et seq.* ta' Appell Numru 466/2018/1), David Mellors (*a fol.* 149 *et seq.* ta' Appell Numru 466/2018/1) u Maria Caruana (ir-rappreżentanta tal-Caritas – *a fol.* 151 *et seq.* ta' Appell Numru 466/2018/1)[1];

- il-fatt illi jirriżulta li fi stadju ta' appell l-appellant għandu pendenti din il-kawża u kawża oħra bin-Numru 466/2018/1 li tinsab ukoll quddiem din il-Qorti kif preseduta;

- il-fatt li jirriżulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti kif preseduta li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant fejn huwa għalqu b'suċċess bir-rakkomondazzjoni tiegħu.

Illi tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami ta' Artikoli 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbilitajiet illi r-reat li dwaru l-appellant ġie misjub ħati kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, din il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija.

Illi, għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa' r-Rikors tal-appell tal-appellant fis-sens li ser tbiddel il-piena ta' sentejn priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti għal waħda li tqies hija aktar idonea għalih u dana wara li din il-

[1] Fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Frar 2022 jirriżulta hekk (*a fol.* 147): *"[...] il-Qorti [...] tilqa' wkoll it-talba sabiex id-depożizzjonijiet li saru minn Dr. Moses Camilleri, Uffiċjal tal-Probation Carmen Nygaard, David Mellors, u Maria Caruana rappreżentanta tal-Caritas fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022 fil-proċess 466/2018 ikunu jiffurmaw parti wkoll minn dan l-appell 276/2018 għall-fini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537."*

Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li jirriżulta mill-atti proċesswali b'mod partikolari dak li jirriżulta mill-aħħar informazzjoni mibgħuta mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li rrakomanda li l-appellant jibqa' f'kuntatt mal-Caritas.

Illi l-andament pożittiv dwar l-appellant jirriżulta mill-fatt li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lil din il-Qorti li l-appellant kien għamel progress kbir u kien sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tiegħu tant li kkunsidra l-każ tal-appellant bħala magħluq b'suċċess. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħti l-aħħar ċans lill-appellant sabiex ikompli jimxi fit-triq it-tajba li jidher li mixi fiha.

Illi l-appellant qed jingħata din l-opportunita' tad-deheb sabiex jevita li jiġi mibgħut jiskonta piena fil-ħabs b'dan illi huwa għandu jagħmel dak kollu neċessarju sabiex jevita li jiġi mibgħut il-ħabs.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Charlot Calleja u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn wara li qieset li l-appellant allura imputat kien reċidiv u ma segwiex l-Ordni tal-*Probation* mogħtija lilu u li għalhekk kellha titratta mill-ġdid miegħu għall-imputazzjonijiet li kienet diġa' sabitu ħati tagħhom fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 2015 u dan billi applikat Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk sabitu ħati tal-imputazzjonijiet in kwistjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sentejn priġunerija u minflok wara li rat Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta billi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena ta' priġunerija ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed

lill-appellant Charlot Calleja taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin mil-lum (liema ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza) u dana minħabba li huwa jeħtieġ l-għajnuna u jrid jieħu dik l-għajnuna kollha li tkun indikata lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation* li ser jiġi nkarigat biex isegwih bħala ta' utilita' għalih biex ma jerġax jaqa' fil-vizzju tad-droga.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-appellant Calleja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' *Probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' *Probation,* jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu huwa nstab ħati.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' *Probation* mogħti b'digriet tallum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-appellant Charlot Calleja.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**